**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta’ Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 589/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Johan Tanti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Lorraine Zammit datat 13 ta’ Gunju 2013 (Dok. “A” u Dok. “B”) is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Johan Tanti.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta’ Johan Tanti fis-somma ta’ erbgha u sittin elf, mija u sitt Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€64,106.53) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ Johan Tanti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C2” u Dok. “D1 sa D2”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Lulju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Johan Tanti:

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Johan Tanti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Johan Tanti gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Ottubru 2015, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "E" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esibit bhala Dok. "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament billi Johan Tanti (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Johan Tanti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Johan Tanti ihallas lis-socjetà attrici is-somma ta' erbgha u sittin elf, mija u sitt Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€64,106.53) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Johan Tanti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2" u Dok. "D1 sa D2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Lulju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta’ flus dovuti mill-konvenut Johan Tanti lis-socjetà attrici li ghalihom is-socjetà attrici qed tipprocedi f’gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 28 ta’ Ottubru 2015 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz tax-xhieda viva voce u d-dokumenti esibiti il-bank ipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talba tieghu jisthoqqilha tintlaqa’.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Johan Tanti.

IMHALLEF

DEP/REG